**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2671**

Każ numru 2938/CCG

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Aften Schembri, Paul Bugeja, Rosmark Caruana, Anthony Buttigieg, Christine Zammit, Sefora Cassar, Clint Borg Ferriggi, Charlon Vella, Glenn Steer, Anthony Grech, Ryan Borg, Jonathan Pellicano, Leanne Mifsud, Paul Pellicano, Simon Borg, Mario Pisani, Mario Atanasio, Frans Vella, Clint Carbonaro, Ray Cachia, Norbert Ellul, James Marmara, Alexei Bugeja, Dennis Borg, Robert Cauchi Charlot Spiteri, Michael Poulton, Anthony Azzopardi, Stephen Micallef, Ivan D'Amato, Joahann Ferriggi, Alex Casha, Glen Ghigo, Simon Vassallo, Irene Micallef, Mark Grech, Ludvic Griscti, Alessio Muscat, Donald Grech, Sandra Pulis, Clayton Cachia, Joseph Ellul, Michael Faenza, Joseph Baldacchino, Clint Micallef, Henry Zahra, Dean Ciantar, Peter Paul Caruana, Caroline Zammit, Marthese Zahra, Owen Dimech, Anthony Sant, Alexander Borg, Sean Huber, Omar Livori, Emmanuel Fenech, Anthony Sant, Zvetlana Vella, Jonathan Pellicano, Carmel Aquilina, Carmen Sammut u Ives Sciberras, U b'digriet tas-17 ta' Gunju 2014 tnehhew l-ismijiet repetuti ta' Anthony Sant u Jonathan Pellicano u dahal minflok Christian Cauchi

U

Playmobil Malta Limited

Dwar: allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju

Illum 23 ta' Settembru 2020

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali diversament kompost permezz ta' rikors tal-imsemmija tnejn u sittin ħaddiem (li skont korrezzjoni opportuna irriżulta li huma wieħed u sittin ħaddiem). Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

Ir-rikorrenti talbu li t-Tribunal jiddikjara li l-aġir tal-kumpannija intimata fil-konfront tagħhom huwa diskriminatorju, jordna lill-kumpannija sabiex tieħu l-proċeduri kollha biex il-kors in kwistjoni jiġi offrut ukoll lir-rikorrenti fi żmien prenentorju mpost mill-istess Tribunal, jordna lill-kumpannija tħallas kumpens ġust lir-rikorrenti għad-diskriminazzjoni sofferta inkluż iżda mhux limitatament għall-paga b'lura u anqas li huma tħallsu konsegwenza tan-nuqqasijiet tagħha, jordna lill-kumpannija ma tistax timpjega technician minn barra l-kumpannija sabiex jagħmlu x-xogħol li normalment jagħmluh il-'Playmobil Technicians' fosthom dawk li għamlu l-kors sakemm ikun hemm xi ħadd mir-rikorrenti li wara l-kors jikkwalifika sabiex jimla din il-pożizzjonil jagħti

kwalunkwe ordni oħra u azzjoni oħra xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, u dan kollu jintalab ai termini tal-artikolu 26 et sequitur tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-11 ta' April 2017 it-Tribunal diversament kompost ta deċiżjoni parzjali fejn iddeċieda s-segwenti:

*"Għaldaqstant dan it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi parzjalment dan il-każ billi jiddikjara li l-kumpannija intimata ddiskriminat kontra dawk ir-rikorrenti li ma ċedewx it-talbiet tagħhom, u dan meta ma hija offritilhomx l-opportunita li jagħmlu kors ta' taħriġ speċifiku bħala technicians għall-Playmobil, u għalhekk tordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-każ sabiex jinġiebu provi relattivi għall-likwidazzjoni tal-kumpens li jista' talvolta jkun dovut lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti, dejjem skond iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull individwu."*

Fil-kunsiderazzjoni tat-Tribunal fid-deċiżjoni parzjali, t-Tribunal bħal donnu elabora x'kellu f'moħħu bħala kumpens fejn qal

*"Dan it-Tribunal jikkonkludi li bl-intransiġenza tal-kumpannija intimata li ma torganizzax korsijiet aktar ta' taħriġ biex machine setter mid-dipartimenti l-oħra (mhux tal-injection) ikunu jistgħu jitħarrġu huma ukoll biex f'każ li jtemmu l-kors b'suċċess ikunu jistgħu japplikaw meta ikun hemm opportunita, ossia ikunu jistgħu japplikaw għal vakanza għall-grad ta' Playmobil technician, kienet qed issir diskriminazzjoni bi ksur tal-imsemmi Artikolu 26 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Madanakollu dawn il-ħaddiema ma jistgħux jippretendu li jieħdu d-differenza fil-paga ta' bejn machine setter u technician, għax wara kollox setgħu weħlu fil-kors, konsiderando li dawn ma kellhomx l-istess esperjenza "hands on" bħal ma kellhom il-machine setters fl-Injection Department. Pero l-fatt waħdu li l-kors ma ġiex offrut lilhom jikkostitwixxi diskriminazzjoni, u ta' dan għandhom ikunu kkumpensati b'somma nominali ta' darba, skond is-sitwazzjoni partikolari tagħhom, minn meta bdew jaħdmu bħala machine setters 'il quddiem."*

**Sinteżi tax-Xhieda**

Is-soċjeta ippreżentat affidavit ta' Michael Cutugno, Chief Administration Officer fejn spjega li meta l-Playmobil iddeċidiet li tabolixxi r-rwol ta' machine setters fid-dipartiment tal-injection u toħloq ir-rwol ta' playmobil technician fl-istess dipartiment dan sar sabiex jiġi evitat li l-istess ħaddiema jiġu ssensjati. Il-kumpannija qatt ma kellha intenzjoni li terġa' timpjega nies fir-rwol ta' Playmobil Technicians u dan għaliex ma kelliex intenzjoni li tbiddel il-policy li kull min hu fil-grad ta' Technician għandu jkollu n-National Diploma. Għalhekk kien inutli li l-kumpannija tħarreġ ħaddiema li ma kinux fid-dipartiment tal-injection minħabba li qatt ma kienet ser terġa' timpjega ħaddiema f'dan il-grad. Qatt ma kien hemm l-intenzjoni li tirrimpjazza xi Playmobil Technician li jitlaq jew jirtira bi Playmobil Technician ieħor. Fil-fatt maż-żmien in-numru ta' Playmobil Technicians kellu jinżel sabiex dak ir-rwol jiġi abolit b'mod naturali. Is-Sur Cutugno spjega dwar kif kien hemm ħafna tentattivi sabiex il-kwistjoni tiġi risolta b'mod bonarju, fosthom li ħarġet seħja oħra għal Playmobil Technicians.

**Sinteżi tat-trattazzjoni**

Dr. Abigail Critien, għar-rikorrenti, ikkontendiet li ser tillimita għall-kwistjoni tal-kwantum peress li l-kwistjoni tal-mertu kienet diġa ġiet deċiża mit-Tribunal diversament kompost fejn kien iddikjara illi kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Is-soċjeta għamlet ħafna distinzjoni u emfasi bejn machine setters fil-kategoriji differenti pero l-ftehim kollettiv ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn machine setters f'kategoriji differenti. Dr. Critien qalet li m'huwiex minnu illu kienu nies tal-injection biss li saru Playmobil Technicians u l-kors li wassal sabiex il-Machine Setters fl-Injection Department isiru Playmobil Technicians ma kienx xi kors ta' barra minn hawn  u ma kienx intiż bħala xi eżami fejn wieħed seta' jgħaddi u jekk jgħaddi jilħaq Playmobil Technician. Fil-fatt tant kien kważi awtomatiku li l-kumpannija lanqas biss stenniet illi l-ħaddiema jagħmlu l-kors u jgħaddu minnu qabel tathom il-grad. Dr. Critien għamlet referenza għas-somma nominali li hija msemmiija fid-deċiżjoni parzjali pero hija qalet li dan it-Tribunal għandu jara x'inhi d-differenza bejn il-paga ta' Machine Setter u Playmobil Technician u huwa dan il-kwantu li qed jiġi pretiż mill-kumpannija. Dr. Critien għamlet ukoll referenza għall-affidavit ta' Michael Cutugno fejn ħareġ l-argument li kien hemm nies li fiż-żmien li saret l-ewwel sejħa għall-Playmobil Technicians lanqas biss kienu jaħdmu hemm. Fl-opinjoni tar-rikorrenti dan l-argument ma jreġġix għaliex id-diskriminazzjoni ma saritx biss fiż-żmien li saret l-ewwel sejħa u waqfet hemm, imma d-diskriminazzjoni saret u ħadd aktar ma ingħata l-opportunita li jsir Playmobil Technician għad eċċezzjoni taż-żewġ impjegati Ruth Pulis u Christopher Piscopo li avolja ma kinux jaħdmu fl-injection department xorta saru Playmobil Technician.

Dr. Karl Briffa għas-soċjeta ikkwota partijiet mid-deċiżjoni parzjali tat-Tribunal diversament kompost fejn it-Tribunal qal li dawn il-ħaddiema ma kellhomx job awtomatiku u allura ma jistgħux jippretendu d-differenza fil-paga ta' Machine Setter u Playmobil Technician. Dr. Briffa spjega li definizzjoni legali ta' 'somma nominali' ma għandniex pero f'dak li huwa parlance kulħadd jafu u ċjoe ħa ntik xi ħaġa biex neħles minnek. Dr. Briffa rrefera għad-dokument ippreżentat minn Michael Cutugno fejn kien hemm elenku tar-rikorrenti u d-data ta' meta ġew impjegati, meta ġew appuntati bħala setters u data tat-terminazzzjoni tagħhom mill-impjieg u spjega lit-Tribunal is-sitwazzjoni ta' kull kategorija ta' impjegati.

**Deċiżjoni**

It-Tribunal wara li ra l-provi u sema' t-trattazzjonijiet tal-partijiet jiddeċiedi, fil-parametri stabbiliti mit-Tribunal diversament kompost hekk kif spjegat qabel, illi r-rikorrenti għandhom jingħataw is-somma nominali ta' elfejn ewro, liema somma dan it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi *arbitrio boni viri*.

**(iffirmata)**

Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.
Chairperson